MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Numru. 1029/2005

**Pulizija**
**vs**
**CARMELO AZZOPARDI**

Il-Qorti, rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Carmelo Azzopardi ta' 47 sena iben Joseph u Maria Dolores nee Azzopardi mwieled Rabat fit-3 ta' Settembru 1958 u residenti 35 Triq il-Katakombi Rabat, detentur ta' karta ta' l-identita tbin-numru 580458(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Ottubru 2005 u fil-granet u x-xhur ta' qabel b'diveri atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(1) ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz jew inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti

mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' LM100 izda mhux iktar minn LM500 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u diversi persuni ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju, ghalih nnifsu jew ghal haddiehor b'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali, kemm ghalih nnifsu jew ghal haddiehor jew ghal xi skop iehor jew ghandu x'jaqsam ma l-Att Dwar is-Servizzi Socjali:
(i) xjentement jew bi traskuragni ghamel dikjarazzjoni falza jew wera haga b'ohra;
(ii) gab jew ta jew kkaguna jew giel jew xjentement halla illi jingieb jew jinghata dokument jew tgharif li kien jaf li kien falz b'haga materjali; jew
(iii) jew bi frodi naqas li jirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali qabel ma rceva l-hlas xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew li jista jkollha konsegwenza materjali fuq ammont jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament, dan bi ksur ta' l-Artikolu 117 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) (i) Taht l-att dwar is-Servizzi dwar Impieg u Tahrig, ta xi
taghrif li jkun jaf li huwa falz f'xi punt importanti jew minghajr ma jimpurtah tah xi taghrif li jkun falz f'xi punt importanti jew;
(ii) Bi hsieb li jinganna, pproduca, ta, baghat jew xort'ohra ghamel uzu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt importanti; jew
(iii) ghax ried rrifjuta li jghaddi jew minghajr raguni legittima (li prova taghha hija ghall-kariga tieghu) ma tax xi taghrif importanti u dan bi ksur tal-Artikolu 48 ta' l-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk ikun il-kaz tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-

hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri kif kontemplat fl-Artikolu 553 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta’ l-Avukat Generali moghti fil-11 ta’ Novembru 2005 sabiex dawn il-proceduri kontra Carmelo Azzopardi jkunu sommarji; il-kunsens ta’ l-imputat biex dawn il-proceduri jkunu sommarji, li huwa kkonferma fit-twegiba tieghu dwar l-akkuzi fejn l-imputat wiegeb li huwa hati; u l-istqarrija li rrilaxxja l-imputat fil-5 ta’ Novembru 2005 fl-ufficcju ta’ l-ispettur Borg.

Minn din l-istqarrija johrog illi fit-28 ta’ Ottubru 2005, ufficjali ta’ l-ETC kienu sabuh jahdem bi profitt bhala kahhal gewwa Swieqi Complex Triq il-Qatta Swieqi. Fil-fatt l-imputat kien wiegeb ‘iva hekk hu.’ Huwa kien ilu jircevi s-somma ta’ invalidity pension mill-15 January 2005 li kienet ta’ LM42.34 fil-gimgha u Lm12.90 bhala medical assistance, dawn ta’ l-ahhar jittiehdu mit-8 ta’ Jannar 2005. Huwa qal li kien jaf li ghadda bord u qed jiehu beneficcji socjali u allura ma kienx jista jahdem bi profitt.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata zmien xieraq biex jahsibha.

Semghet ix-xhieda ta’ ufficjali li ghandhom x’jaqsmu ma l-ETC jew li ghandhom x’jaqsmu mal-provista ta’ xi beneficcju socjali, u jidher illi l-beneficcju illi kien ha, jigifieri l-invalidity pension, dan tahom lura kollha. Il-figura moghtija kienet ta’ LM352.

Galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrieh, dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 188, 308, 309, 310 tal-Kap 9, l-Artikolu 117 tal-Kap 318 u l-Artikolu 48 tal-Kap 343 ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali prattikament nadifa, ikkopera mal-pulizija kif jidher mill-istqarrija stess, hallas l-ammont kollu dovut u ghamel ammissjoni bikrija hafna. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li jkun iktar xieraq li flok tikkundanna lill-imputat, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici. Il-Qorti qed taghmel referenza ghal dak li qalet din il-Qorti stess fid-decizjoni taghha tal-15 ta' Gunju 2005 fil-kaz "Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Joseph Mifsud" fil-paragrafi 9 u 10 u 11 li ghandhom jghoddu wkoll ghal din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------